MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum is-26 ta' Ottubru, 2020

Mandat ta' Inibizzjoni Numru 733/2020/1 LM

**Sylvana Zammit ġia Tanti (K.I. 366871M)**

***vs*.**

**1. Maria Perrett (K.I. 982549M) mart David bint Francis Bonello u Ġemma nèe Muscat imwielda San Ġiljan**
**2. Noel Tanti (K.I. 274667M)**
**3. Antoine Tanti (K.I. 378571M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti **Sylvana Zammit ġia Tanti** fit-18 ta' Ġunju, 2020.

Rat ir-risposta tal-intimati **Noel Tanti u Antoine Tanti** ppreżentata fit-23 ta' Ġunju, 2020.

Rat ir-risposta tal-intimata **Maria Perrett** tat-8 ta' Ottubru, 2020.

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2020.

Semgħet lill-avukat difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti tal-Mandat.

Rat l-artikoli 873, 874, 875 u 876 tal-Kap. 12.

Tqis illi mill-atti jirriżulta illi l-proprjetà indikata mir-rikorrenti numru 65, St. George's Road San Ġiljan bħala l-proprjetà li kellha tiġi kolpita bil-Mandat ta' Inibizzjoni, fil-fatt kienet ġiet mibjugħa mill-intimata Maria Perrett lis-soċjetà Gusvend Services Limited (C43888), permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Alicia Agius datat 17 ta' Jannar, 2014.

Tqis ukoll li skont dak li stqarru l-intimati Tanti fir-risposta tagħhom, l-intimat Noel Tanti kien ittrasferixxa l-liċenzja tan-negozju inkwistjoni lil terzi u l-ħanut inkwistjoni kien ġie trasferit lil terzi, filwaqt li l-intimat Antoine Tanti kien għalaq kull negozju li kellu u llum huwa impjegat, u tenut kont ukoll li r-rikorrenti bl-ebda mod ma kkontradixxiet dan li stqarru l-intimati Tanti.

Peress li mill-atti jirriżulta li dak li talbet ir-rikorrenti li jinżamm milli jsir permezz tal-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, u ċjoé li sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha l-intimati jinżammu milli bi kwalunkwe mod jiddisponu *inter*

*vivos*, sew b'titolu oneruż kif ukoll b'titolu gratuwitu, inkluż li jbigħu, ineħħu, jittrasferixxu, jikru, jirrixindu l-kirja kif ukoll milli jaggravaw b'xi piż, dejn jew garanzija jew obbligazzjoni l-fond 65, St. George's Road, San Ġiljan, ma jistax jintlaqa' 'il għaliex dak li r-rikorrent talbet li jinżamm milli jsir, fil-fatt diġà sar u l-proprjetà indikata u n-negozju ġestit mill-istess fond, effettivament ma jinsabux fil-kontroll tal-ebda wieħed mill-intimati.

Għaldaqstant ladarba jinsab nieqes wieħed mir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni,  u ċjoé dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-Mandat, tiċħad it-talba u tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2020 sa fejn kienet laqgħet it-talba provviżorjament.

Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra r-rikorrenti.

Mogħti kameralment fis-26 ta' Ottubru, 2020.